# *Il-Gran Mastru De Vilhena u l-Floriana*

*Kitba tas-Sur Mario Fenech*

Ftit ta' żmien wara li kien għadu kif laħaq Gran Mastru tal-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann f'Malta nhar 19 ta' Ġunju 1722, Fra Anton Manoel De Vilhena is-subborg tal-Furjana ġie mogħti it-titlu 'Borgo Vilhena'.

Dan is-subborg kien wieħed importanti ħafna għal dak iż-żmien u kien mgħasses minn swar sodi b'erba' bibien li kienu jintużaw biex iħarsu lin-nies tal-post minn xi attakk tal-għadu.

L-importanza li kien jagħti dan il-Gran Mastru lil dan is-subborg narawha fil-fatt li ftit taż-żmien wara li kien ilu imexxi l-pajjiż, nhar il-21 ta' Settembru 1724 huwa bagħat rikors lill-Qdusija Tiegħu l-Papa biex il-knisja tal-Immakulata Kunċizzjoni magħrufa bħala ta' Sarria tiġi mwaqqfa bħala Parroċċa.

Dan iż-żmien il-knisja tad-Duluri li hemm fin-niżla tal-Pieta`, kienet ilha isservi bħala Viċi Parroċċa mis-sena 1721. Għal ħafna nies din kienet il-wisq bogħod miċ-ċentru tal-post fejn kienu jabitaw u wisq aktar mill-Parroċċa li kienet dik ta' San Pawl Nawfragu fil-Belt Valletta.

L-awtoritajiet tal-Knisja ma qablux ma din it-talba tal-Gran Mastru gżal daqstant ħarġu bil-ħsieb li jkun aħjar jekk timbena knisja ġdida.

Għal dan il-għan l-istess Arċipiriet Cuiggardi tal-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu li kelli dan is-subborg taħt il-ġurisdizzjoni tiegħu kien ta' kunsens tiegħu.

B'hekk wara ftit taż-żmien wara ġie mibdi ix-xogħol tal-bini ta' knisja ġdida taħt il-ħarsien ta' San Publju.

Kien l-Isqof Mns. Alferan De Bussan li mexxa ċ-Ċerimonja tat-tqegħid tal-ewwel ġebla tal-bini tl-knisja nhar it-2 ta' Awissu 1733. Dak in-nhar fost dawk li attendew għal din iċ-Ċerimonja kien hemm il-Gran Mastru Manoel De Vilhena.

Huwa baqa' jieħu nteress f'dan il-proġett tal-binital-knisja u kien maħbub ħafna minn dawk li kienu jgħixu f'dan is-subborg tal-Furjana.

Huwa miet nhar 12 ta' Diċembru 1736.

Bini ieħor li kien ħa ħsieb jibni dan il-Gran Mastru, kien dak fejn illum hemm il-Kwartieri Ġenerali tal-Korp tal-Puluzija. Mibni fis-sena 1725 il-post kien jilqa' fih xebbiet foqra għat-tagħlim u kien jissejaħ l-Abatija tas-Sultan.

Il-poplu Furjaniż baqa` grat lejn dan il-Gran Mastru tant li meta l-monument ta' dan il-Gran Mastru, kien inġieb minn Pjazza Teżorerija, illum Pjazza Reġina fil-Belt Valletta għal Furjana fis-sena 1890 u tpoġġa quddiem il-ġnien tal-Mall, din id-deċiżjoni tal-Gvernatur Le Merchat ġiet milqugħa minn kulħadd.



*Maglio Gardens Floriana*

Meta twaqqaf il-Każin tal-Banda fil-lokal ma kienx hemm isem aktar addattat li jingħata lill-banda ħlief tal-Gran Mastru Manoel De Vilhena, bniedem li ħalla warajh wirt storiku mportanti, bħal ma hija l-Knisja Arċipretali ta' San Publju.

## Il-Festa t-tajba lil kulħadd.

